A.L. 54 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT Nru. XXIV TA' L-1988)

Statut I07 — Istitut Mediterranju

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 31 ta' dak l-Att.

Titlu fil-Qosor

Dan l-Istatut jista' jissejjaħ Statut I07 — Istitut Mediterranju.

STATUT I07 — ISTITUT MEDITERRANJU

1. Hawn qiegħed jitwaqqaf Istitut Mediterranju fl-Università ta' Malta.

2. L-għanijiet ta' l-Istatut ikunu li jmexxi 'l quddiem l-Istudji Mediterranji, l-aktar billi:

(a) jorganizza korsijiet interdixxiplinarji;

(b) jagħmel u jippubblika r-riċerka;

(ċ) jappoġġja Ċentri u Programmi speċjalizzati f'oqsma differenti ta' l-Arti u x-Xjenza Soċjali;

(d) jikkollabora mal-Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali fi proġetti u attivitajiet ta' interess għat-tnejn.

3. L-Istitut jitmexxa minn Bord.

3.1 Il-Bord ikun magħmul minn dawn li ġejjin:

President: ir-Rettur ta' l-Università jew id-deputat tiegħu;

Viċi-President: id-Direttur-Ġenerali tal-Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali;

Żewġ membri, wieħed mahtur mill-Kunsill u l-ieħor mahtur mis-Senat ta' l-Università, u membru mahtur mill-Bord tal-Fondazzjoni, kull wieħed għal tliet snin;

Żewġ membri mahtura mill-istaff ta' l-Istitut u minn fosthom, li jkollhom il-post ta' direttur jew ko-ordinatur tal-programmi;

Sa erba' studjużi ta' fama mahtura billi jiġu ko-optjati.

3.2 Il-funzjonijiet tal-Bord huma dawn li ġejjin:

(a) li jiddetermina l-politika ta' l-Istitut dwar l-għanijiet imsemmija hawn fuq;

(b) li jżomm taħt għajnejh l-amministrazzjoni finanzjarja ta' l-Istitut;

(ċ) li jassigura li jkun hemm kollaborazzjoni ma' korpijiet oħrajn, lokali u barranin, meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istitut.

4. L-Istitut ikollu Direttur u Staff.

4.1 Id-Direttur jinħatar mill-Kunsill ta' l-Università bir-rakkomandazzjoni tal-Bord għal tliet snin wara sejħa għall-applikazzjoni;

4.2 Membri ta' l-istaff akkademiċi u oħrajn jinħatru mill-Kunsill b'rakkomandazzjoni tal-Bord:

Sakemm il-Bord jista' hu stess jaħtar staff mhux akkademiku għal perjodu ta' mhux aktar minn sena.

5. Id-Direttur ikun responsabbli għall-amministrazzjoni ta' l-Istitut minn jum għal ieħor, skond il-politika stabbilita mill-Bord, għat-tfassil ta' l-istima annwali, għal stqarrija finanzjarja u rapport fuq il-ħidmiet ta' l-Istitut. L-Uffiċjal Finanzjarju ta' l-Università jkun it-Teżorier ta' l-Istatut.

6. Emendi għal dan l-Istatut jistgħu jiġu proposti mill-Bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università.